

Aġġornament tal-kampjuni tal-karti maħruġa mill-Ministeri tal-Affarijiet Barranin tal-Istati Membri lil membri akkreditati ta' missjonijiet diplomatiċi u rappreżentanti konsolari u l-membri tal-familji tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Frontieri ta' Schengen) (ĠU C 247, 13.10.2006, p. 85, ĠU C 153, 6.7.2007, p. 15, ĠU C 64, 19.3.2009, p. 18)

(2009/C 239/03)

Il-pubblikazzjoni tal-lista tal-permessi ta' residenza msemmija fl-Artikolu 2(15) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn-naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Frontieri ta' Schengen) (<sup>(1)</sup>) hija bbażata fuq l-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 34 tal-Kodiċi tal-Frontieri ta' Schengen.

Minbarra l-pubblikazzjoni fil-ĠU, huwa disponibbi aġġornament ta' kull xahar fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà.

#### L-ISLANDA

*Emenda fl-informazzjoni ppubblikta fil-ĠU C 247, 13.10.2006*

Mill-1 ta' Jannar 2009 il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin qed joħroġ karti tal-isentità għall-personal ta' missjonijiet diplomatiċi u karigi konsulari ta' karriera fl-Iżlanda.



#### Persónuskilrīki/Karta tal-identità ta' kulur ikħal (ara l-kampjun)

Din il-karta tal-ID tinħareġ lill-personal amminsitrattiv, tekniku u ta' servizz fil-missjonijiet diplomatiċi, karigi konsulari ta' karriera u membri tal-familji tagħhom li jgħixu fl-istess dar magħħom.

Il-karta tal-ID hija karta bajda tal-plastik laminat (8,6 cm × 5,4 cm) bi strixxi koħol fin-naħħa ta' fuq taż-żewġ faċċati. Fuq quddiem, hemm in-numru tas-serje fl-istixxa l-kaħla, ir-ritratt tad-detentur, ismu/isimha, il-firma u t-titlu u l-isem tal-Istat mittenti. Fuq wara, fl-istixxa l-kaħla huwa ddikjarat li hija Persónuskilrīki (karta tal-Identità) maħruġa mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin/Utanrikisráðuneyti. Is-Siġill tar-Repubblika huwa riprodott fuq il-karta. Il-karta hija ffirtmata mill-Kap tal-Protokoll u tindika d-dati tal-ħruġ u tal-iskadenza. Tiddikjara fil-lingwa Iżlandiża li l-karta trid tiġi rritornata lill-ministeru tal-Affarijiet Barranin meta d-detentur jitlaq mill-Iżlanda.

Quddiem

Wara



(<sup>1</sup>) ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.


**Diplómatiskt persónuskilríki/Karta tal-identitàdiplomatika ta' kulur aħmar (ara l-kampjun)**

Din il-karta tal-identità tinħareġ lill-Kapijiet ta' Missjonijiet u Karigi Konsulari, membri tal-personal diplomati u uffiċċji konsulari u lil' membri tal-familji tagħhom li jidher fl-istess dar magħhom.

Il-karta tal-ID hija karta bajda tal-plastik laminat (8,6 cm × 5,4 cm) bi strixxi ħomor fin-naħa ta' fuq taż-żeġew faċċati. Fuq quddiem, hemm in-numru tas-serje fl-istixxa l-ħamra, ir-ritratt tad-detentur, ismu/isimha, il-firma u t-titlu u l-isem tal-istat mittenti. Fuq wara, fl-istixxa l-ħamra huwa ddikjarat li hija Diplómatiskt persónuskilríki (karta tal-identità) maħruġa mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin/Utanrikisráðuneytið. Is-Siġill tar-Repubblika huwa riprodott fuq il-karta. Il-karta hija ffirtmata mill-Kap tal-Protokoll u tindika d-dati tal-ħruġ u tal-iskadenza. Tiddikjara fil-lingwa Iż-żandekka li d-detentur igawdi minn privileġġi u immunitajiet diplomatiċi taħt il-liġi internazzjonali u li għalhekk huwa pprojbit li jkollu/jkollha restrizzjoni fil-libertà ta' ċirkolazzjoni.

Quddiem

Wara

<b>Kort nr: 00-2009</b>		<b>UTANRÍKISRÁÐUNEYTID</b>
<b>Nafn:</b> <b>Jane Smith</b>	<b>Diplómatiskt persónuskilríki</b>	<i>(Diplomatic identity card)</i>
<b>Titill:</b> <b>Sendihera</b>	<b>Hörður Guðlaugsson</b>	
<b>Sendiráð:</b> <b>Ísland</b> <b>Iceland</b>	<b>Hörður Guðlaugsson</b>	<b>Prótokollsštjori</b>
	<b>Útgáfudagur</b> <b>1. JAN. 2009</b>	<b>Gildir til</b> <b>2. JAN. 2009</b>
 Jane Smith Undirskrift	Handħafi bessa skírteinis nýtūr diplómatiskra forréttina og fridhelgi að alpjóða lögum og er jippi óheimilt að hefta fór hans.	
		